SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 10/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 19/05/15** **51**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 19/05/15** **61**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015. Il-laqgħa ta' April ġiet posposta għal din il-ġurnata minħabba ċirkostanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Sindku s-Sur Karl Gouder
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati: (1 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa.

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa’ fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-15 ta’ Mejju 2015 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta’ Marzu 2015
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

## 1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 09/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P128 Petizzjoni sabiex jitneħħew il-linji sofor fi Triq Spinola qabel ma tasal għal-Lukanda Cavllieri.

P135 Talba mingħand il-Valentina Hotel sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fi Triq Paceville.

P138 Talba mingħand is-Sur Sean Fitz għal-*barriers* f’Paceville.

P151 Talba mingħand il-‘Hot Ice Bar’ għal estensjoni tal-bankina fi Triq Paceville.

P167 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2015.

P169 Talba mingħand is-Sur Juan Carlos Isea Chavez sabiex jarma stand f'Paceville.

P190 & KA0050 Korrispondenza dwar ir-riżenja tal-Membru Richard Scicluna.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P128**

2.02 Saret riferenza għall-petizzjoni sabiex jitneħħew il-linji sofor fi Triq Spinola qabel ma tasal għal-Lukanda Cavallieri. Ġie deċiż unanimament li tingħata risposta aktar tard meta tiġi vverifikata din il-materja. Is-Sindku Karl Gouder ser jagħti aktar imformazjoni.

**Rif. Nru. P135**

2.03 Saret riferenza għat-talba mingħand il-Valentina Hotel sabiex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet fi Triq Paceville. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jiġu osservati l-kundizzjonijiet minn l-entitajiet ikkonċernat kif ukoll li jitħalla aċċess għall-pubbliku u li jgħaddi siġġu tar-roti.

**Rif. Nru. P138**

2.04 Saret riferenza għat-talba tas-Sur Sean Fitz biex jitqgħedu tmien advertising barriers oħra. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv Paceville joġġezjoni li jinħarġu aktar permessi għal Advertising Barriers peress li dawn saru *eye-sore*.

2.05 Il-Kumitat talab ukoll l-appoġġ tal-Kunsill.

**Rif. Nru. P151**

2.06 Saret riferenza għat-talba mingħand il-'Hot Ice Bar' għal estensjoni tal-bankina fi Triq Paceville. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni.

**Rif. Nru. P167**

2.07 Il-Kumitat ġie nfurmat bl-allokazzjoni finanzjarja 2015.

**Rif. Nru. P169**

2.08 Il-Kumitat oġġezzjona unanimament għat-talba mingħand is-Sur Juan Carlos Isea Chavez sabiex jarma *stand* f'Paceville.

2.09 Il-Kumitat talab is-support tal-Kunsill minħabba li:-

a) Qed isiru talbiet għat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk meta min japplika jkun jaf li qed issir xi attivita' privata ġo xi stabbiliment.

b) it-talbiet li qed isiru ma jaqgħux taħt xi ġurnata jew ġranet speċjali jew speċifiċi fejn l-intenzjoni ta' leġislatur kienet li ħruġ ta' dawn il-permessi japplikaw għall-festi tal-lokal, attivitajiet organizzati mill-Kunsill u jew attivitajiet nazzjonali.

c) Qed jitħalla ħafna ħmieġ fil-lokalita'.

2.10 Għalhekk iċ-Ċermen ippropona li l-permessi għat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk f'Paceville jinħarġu **biss** għall-festi tal-lokal, attivitajiet organizzati mill-Kunsill u jew attivitajiet nazzjonali.

2.11 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

2.12 Il-Kumitat qabel unanimament.

**Rif. Nru. P190 & KA50**

2.13 Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat bir-riżenja tal-Membru Richard Scicluna.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

3.03 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015.

3.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Ħadd mill-Membri preżenti ma ssekonda din il-mozzjoni peress li ma ridux jieħdu responsabbilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom id-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

5.03 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li f'dan l-istadju l-pagamenti ser jgħaddu għand il-Kunsill għall-approvazzjoni.

5.04 Il-Kumitat ma oġġezzjonax.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P326 sa' nru. P333 għall-approvazzjoni. Ara Appendici 'C')

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Aġġornament tal-laqgħa**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Hamis 25 ta' Ġunju 2015 fis-2.00 p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fit-2.45pm.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**